

# Il-Ġurnal Uffiċjali

# C 237

## ta' l-Unjoni Ewropea

**Volum 51**

Edizzjoni bil-Malti

**Informazzjoni u Avviżi**
**16 ta' Settembru 2008**
Avviż Nru

Werrej

Paġna

**II Komunikazzjonijiet**

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2008/C 237/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5170 — E.ON/Endesa Europa/Viesgo) <sup>(1)</sup> .....	1
2008/C 237/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5260 — BNP Paribas/Chomette/GE/Capital France Hôtel) <sup>(1)</sup> .....	1
2008/C 237/03	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5191 — Perstorp/Lyondellbasell/Rhodia Diisocyanates Businesses) <sup>(1)</sup> .....	2
2008/C 237/04	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5068 — L'Oréal/YSL Beauté) <sup>(1)</sup> .....	2
2008/C 237/05	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5009 — Randstad/Vedior) <sup>(1)</sup> .....	3
2008/C 237/06	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4667 — Syral/Tate & Lyle Assets) <sup>(1)</sup> .....	3
2008/C 237/07	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5291 — Abenex Capital/Natixis Private Equity/Colbison SAS) <sup>(1)</sup> .....	4
2008/C 237/08	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5157 — Volkswagen/Scania) <sup>(1)</sup> .....	4

**MT**

IV *Informazzjoni*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2008/C 237/09	Rata tal-kambju ta' l-euro .....	5
2008/C 237/10	Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tas-6 ta' Mejju 2008 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar il-Każ COMP/M.4854 — TomTom/Tele Atlas — Relatur: L-Irlanda	6
2008/C 237/11	Rapport finali ta' l-Uffiċjal tas-Smiġħ fil-Każ COMP/M.4854 — TomTom/Tele Atlas ( <i>Skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjal tas-Smiġħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21</i> ) .....	7
2008/C 237/12	Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Mejju 2008 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.4854 — TomTom/Tele Atlas) (1)	8

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2008/C 237/13	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 88/378/KEE tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ġugarelli (1) .....	14
---------------	--	----

V *Avviżi*

## PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

**Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)**

2008/C 237/14	Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AST/72/08 .....	16
---------------	---	----

**Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini**

2008/C 237/15	Reklutaġġ għall-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini (Londra) .....	17
---------------	--	----



(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Kummissjoni**

2008/C 237/16

Avviż ta' tnedija ta' reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri tal-anti-dumping applikabbli għall-importazzjoni-jiet ta' ċertu qamħirrun ħelu fi granelli ppreparat jew ippreżervat li joriġinaw fit-Tajlandja ..... 18

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2008/C 237/17

Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5252 — Hombergh-De Pundert/RSDB) <sup>(1)</sup> ..... 20



<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI  
EWROPEA

KUMMISSJONI

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5170 — E.ON/Endesa Europa/Viesgo)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 237/01)

Fid-19 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubbli-  
kat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kum-panija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5170. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5260 — BNP Paribas/Chomette/GE/Capital France Hôtel)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 237/02)

Fil-21 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubbli-  
kat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kum-panija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5260. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Każ COMP/M.5191 — Perstorp/Lyondellbasell/Rhodia Diisocyanates Businesses)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 237/03)

Fit-28 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun mehlu minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5191. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).

---

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Każ COMP/M.5068 — L'Oréal/YSL Beauté)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 237/04)

Fis-17 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Franċiż u se jkun ippubblikat wara li jkun mehlu minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5068. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Każ COMP/M.5009 — Randstad/Vedior)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 237/05)

Fis-17 ta' April 2008, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1) flimkien ma' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli bl-Ingliż biss u jsir pubbliku wara li jitneħħew minnu kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Dan jinstab:

- fil-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jiġu speċifikati d-deċiżjonijiet individwali ta' amalga-mazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument li jgħib in-numru 32008M5009. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Każ COMP/M.4667 — Syral/Tate & Lyle Assets)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 237/06)

Fit-23 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubbli- kat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kum-panija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4667. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Każ COMP/M.5291 — Abenex Capital/Natixis Private Equity/Colbison SAS)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 237/07)

Fit-2 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Franċiż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5291. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).

---

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Każ COMP/M.5157 — Volkswagen/Scania)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 237/08)

Fit-13 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
  - f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5157. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).
-

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA'  
L-UNJONI EWROPEA

## KUMMISSJONI

**Rata tal-kambju ta' l-euro <sup>(1)</sup>****Il-15 ta' Settembru 2008**

(2008/C 237/09)

**1 euro =**

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,4151	TRY	Lira Turka	1,7865
JPY	Yen Ġappuniż	149,87	AUD	Dollaru Awstraljan	1,7544
DKK	Krona Daniża	7,4573	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5140
GBP	Lira Sterlina	0,79395	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	11,0295
SEK	Krona Żvediża	9,5519	NZD	Dollaru tan-New Zealand	2,1524
CHF	Frank Żvizzeru	1,5903	SGD	Dollaru tas-Singapor	2,0342
ISK	Krona İzlandiża	129,73	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 570,76
NOK	Krona Norveġiża	8,1830	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	11,5609
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,6864
CZK	Krona Ċeka	24,313	HRK	Kuna Kroata	7,1102
EEK	Krona Estona	15,6466	IDR	Rupiah Indoneżjan	13 372,70
HUF	Forint Ungeriż	240,92	MYR	Ringgit Malażjan	4,8892
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	66,510
LVL	Lats Latvjan	0,7046	RUB	Rouble Russu	36,2000
PLN	Zloty Pollakk	3,3490	THB	Baht Tajlandiż	48,977
RON	Leu Rumen	3,6195	BRL	Real Brażiljan	2,5871
SKK	Krona Slovakka	30,270	MXN	Peso Messikan	15,2052

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.



**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tas-6 ta' Mejju 2008 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar il-Każ COMP/M.4854 — TomTom/Tele Atlas**

**Relatur: L-Irlanda**

(2008/C 237/10)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament KE dwar l-Amalgamazzjonijiet u li tista' titqies li għandha dimensjoni Komunitarja skond l-Artikolu 4(5) ta' dak ir-Regolament.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li din hija amalgamazzjoni vertikali li tinkludi is-swieq tal-prodotti li ġejjin:
  - Database ta' Mapep Diġitali Navigabbli, suq 'il fuq,
  - Softwer ta' Navigazzjoni, suq intermedjarju,
  - Strumenti ta' Navigazzjoni Portabbli, suq l-isfel.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li s-suq ġeografiku rilevanti għal Database ta' Mapep Diġitali Navigabbli huwa globali fl-iskop tiegħu.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li s-suq ġeografiku rilevanti għal Softwer ta' Navigazzjoni huwa globali fl-iskop tiegħu.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li s-suq ġeografiku rilevanti għal Strumenti ta' Navigazzjoni Portabbli huwa mifruq sal-KEE fl-iskop tiegħu..
6. Il-Kumitat Konsulttiv jaqbel mal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li l-entità magħquda jista' jkollha s-saħħa tgħolli l-prezz jew twaqqa' l-kwalità/iddewwem l-aċċess għal Databases ta' Mapep Diġitali Navigabbli lil uħud mill-kompetituri tagħha fis-swieq ta' l-Istrumenti ta' Navigazzjoni Portabbli u Softwer ta' Navigazzjoni.
7. Il-Kumitat Konsulttiv jaqbel mal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li l-entità amalgamata ma jkollha ebda inċentiv li tgħolli l-prezz jew twaqqa' l-kwalità/iddewwem l-aċċess għal databases ta' Mapep Diġitali Navigabbli lil uħud mill-kompetituri tagħha fis-swieq ta' l-Istrumenti ta' Navigazzjoni Portabbli u Softwer ta' Navigazzjoni.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta x'aktarx li mhux se tirriżulta f'impatt anti-kompetittiv għad-detriment tal-konsumatur.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta m'hix se tirriżulta f'ostakolu sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu.
10. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata għandha titqies bħala waħda li hija kompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament KE dwar l-Amalgamazzjonijiet.

**Rapport finali ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ fil-Każ COMP/M.4854 — TomTom/Tele Atlas**

(Skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)

(2008/C 237/11)

Fit-22 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 u skond referenza għal Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża TomTom NV ("TomTom") takkwista fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll totali of Tele Atlas NV ("Tele Atlas") permezz ta' offerta pubblika.

Wara li eżaminat in-notifika, il-Kummissjoni kkonkludiet fit-28 ta' Novembru 2007 illi t-tranżazzjoni notifikata kienet taqa' fl-ambitu tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet u li kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni u mal-Ftehim taż-ŻEE. Għaldqstant, il-Kummissjoni tat bidu għal proċedimenti skond l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet.

Fit-3 u fit-12 ta' Diċembru 2007 ngħata aċċess għal dokumenti ewlenin lill-parti li nnotifikat, skond il-paragrafu 45 ta' l-Aħjar Prassi tad-DG għall-Kompetizzjoni dwar it-tmexxija ta' proċeduri ta' kontroll ta' għaqdiet fil-KE.

Il-Kummissjoni bagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet (*Statement of Objections* "SO") lil TomTom fid-29 ta' Frar 2008. Tele Atlas ukoll irċeviet kopja ta' l-SO. TomTom ingħatat aċċess għall-fajl fl-istess waqt li inħareġ l-SO. TomTom u Tele Atlas wieġbu flimkien fis-17 ta' Marzu 2008. Il-partijiet ma talbux smigħ orali formali.

Fis-sens ta' l-Artikolu 18(4) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet u l-Artikolu 11(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 802/2004 ikkonċedejt it-talba ta' tmien impriżi biex jitħallew jattendu l-proċedimenti bħala partijiet terzi interessati. TomTom ingħatat aċċess għall-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tal-kummenti bil-miktub sottomessi minn erba' mill-partijiet terzi.

Bħala riżultat ta' l-investigazzjoni fil-fond il-Kummissjoni kkonkludiet li l-konċentrazzjoni proposta ma tostakolax b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu.

Fid-dawl ta' dan, inqis li d-drittijiet li jinstemgħu tal-parteċipanti f'dan il-proċediment ġew rispettati.

Brussell, is-6 ta' Mejju 2008.

Karen WILLIAMS

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni****ta' l-14 ta' Mejju 2008****li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE****(Każ COMP/M.4854 — TomTom/Tele Atlas)****(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 237/12)

*Fl-14 ta' Mejju 2008 l-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' amalgamazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, u partikolarment skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni sħiħa hija disponibbli fl-ilsien awtentiku tal-każ u fl-ilsna proċedurali tal-Kummissjoni fuq is-sit tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej:*

*[http://ec.europa.eu/comm/competition/index\\_en.html](http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html)*

**1. IL-PARTIJET**

- (1) TomTom NV, ibbażata f'Amsterdam, l-Olanda, timmanifattura strumenti ta' navigazzjoni portabbli (PNDs) u tissupplixxi softwer ta' navigazzjoni għall-użu fl-istrumenti ta' navigazzjoni.
- (2) Tele Atlas NV, ibbażata fi 's-Hertogenbosch, l-Olanda, hija waħda miż-żewġ fornituri ewlenin (fl-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq) ta' bażijiet tad-dejta ta' mapep diġitali għan-navigazzjoni u użi aħħarin oħra.

**2. L-OPERAZZJONI**

- (3) Fit-22 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika formali skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet li permezz tagħha TomTom, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet, akkwistat il-kontroll ta' Tele Atlas kollha kemm hi permezz ta' offerta pubblika.

**3. RIFERIMENT KONFORMI MAL-ARTIKOLU 4(5)**

- (4) Il-partijiet għall-konċentrazzjoni proposta ma jilħqu l-ebda wieħed mill-limiti alternattivi stipulati fl-Artikolu 1(2) u (3) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet. It-tranżazzjoni proposta kienet tkun suġġetta għal skrutinju mandatorju skont il-liġi tal-kontroll tal-amalgamazzjonijiet ferba' Stati Membri; il-Ġermanja, l-Olanda, Spanja u l-Portugall.
- (5) Fl-24 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni rċeviet sottomissjoni raġunata mingħand TomTom li fiha il-kumpanija talbet riferiment lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjoni. L-ebda Stat Membru m'oġġezzjona għar-riferiment tat-tranżazzjoni proposta lill-Kummissjoni. Għalhekk, it-tranżazzjoni proposta hija meqjusa li għandha dimensjoni Komunitarja u kienet eżaminata mill-Kummissjoni.

**4. SWIEQ RELEVANTI****4.1. Is-Suq Upstream — Bażijiet tad-Dejta ta' Mapep Diġitali għan-Navigazzjoni**

*Definizzjoni tas-suq rilevanti tal-prodott*

- (6) Bażi tad-dejta ta' mapep diġitali hija ġabra ta' dejta diġitali li tipikament tinkludi (i.) informazzjoni ġeografika dwar il-qagħda u l-forma ta' kull fattur fuq mappa, (ii.) informazzjoni dwar fatturi addizzjonali tal-mappa (pereżempju ismijiet tat-toroq, indirizzi, direzzjonijiet tas-sewqan, restrizzjonijiet ta' fejn tista' u ma tistax ddur, u l-limiti tal-veloċità) u (iii.) informazzjoni murija. B'żieda mal-baży tad-dejta ewlieni, il-fornituri tal-bażyijiet tad-dejta tal-mapep diġitali jipprovdu diversi livelli ta' informazzjoni miżjuda.
- (7) Il-bażyijiet tad-dejta tal-mapep diġitali jinbiegħu lil dawk li jimmanifatturaw l-istrumenti ta' navigazzjoni, produtturi tas-softwer ta' navigazzjoni u dawk li jipprovdu l-applikazzjonijiet li mhumiex tan-navigazzjoni (pereżempju mapep ta' fuq l-Internet). Il-bażyijiet tad-dejta tal-mapep diġitali jintużaw għal diversi skopijiet, bl-aktar importanti li huwa l-lokalizzazzjoni tal-indirizzi, l-ippjanar tar-rotot u n-navigazzjoni.
- (8) Il-Kummissjoni qieset li ma jkunx xieraq li tiddefinixxi swieq tal-prodott separati għall-bażyijiet tad-dejta tal-mapep diġitali li jiddependu fuq il-format li bih id-dejta hija mwassla lill-konsumaturi jew li jiddependu fuq it-tip ta' strument ta' navigazzjoni li qed tintuża fih.
- (9) Il-Kummissjoni qieset jekk hux il-każ li l-bażyijiet tad-dejta tal-mapep diġitali għal skopijiet ta' navigazzjoni u mhux ta' navigazzjoni jikkostitwixxu swieq rilevanti separati tal-prodott. Minħabba n-nuqqas ta' sostitwibbiltà min-naħa tad-domanda kif ukoll min-naħa tal-provvista, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-bażyijiet tad-dejta tal-mapep diġitali għall-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni u mhux ta' navigazzjoni jikkostitwixxu swieq separati tal-prodott.

(10) Finalment, il-Kummissjoni kkunsidrat jekk is-suq għall-provvista tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni għandux jiġi mqassam skont il-kopertura ġeografika tal-bażijiet tad-dejta mibjugħa (<sup>1</sup>). Mil-lat tad-domanda, is-sostitwibbiltà tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni b'koperturi ġeografiki differenti hija limitata. Il-grad tas-sostitwibbiltà mil-lat tal-provvista tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni hija wkoll limitata, minħabba r-riżorsi u l-ħin li wieħed ikollu bżonn biex jibni bażi tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni mill-“bidu nett”. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li s-swieq separati relevanti tal-prodott għandhom ikunu ddefiniti skont il-kopertura ġeografika ta' kull bażi tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni. Id-definizzjoni preċiża tas-swieq relevanti tal-prodott (jiġifieri jekk hux il-każ li liċenzji ta' pajjiż individwali jew ta' reġjun jikkostitwixxu swieq separati tal-prodott) tħalliet miftuħa, għax ma kenitx taffettwa l-evalwazzjoni tat-tranżazzjoni proposta mill-Kummissjoni.

#### *Id-definizzjoni tas-suq relevanti ġeografiku*

(11) Tele Atlas tiddistribwixxi l-prodotti tagħha mill-Olanda lil dawk li jimmanifatturaw l-istrumenti u dawk li jipprovdu s-software li qegħdin f'imkejjien oħra fiż-ŻEE u f'partijiet oħra tad-dinja. NAVTEQ tiddistribwixxi l-bażijiet tad-dejta tagħha mill-Istati Uniti tal-Amerika lejn iż-ŻEE u partijiet oħra tad-dinja. Il-manifatturi l-kbar tal-istrumenti u l-iżviluppaturi l-kbar tas-software qegħdin fl-UE, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel. L-ebda kwota, tariffa jew xi barriera oħra għall-kummerċ ma tillimita l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' dejta diġitali ta' dan it-tip. M'hemmx differenzi materjali fil-mod kif bażi tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni jinbiegħu jew jiġu distribwiti fiż-ŻEE u partijiet oħra tad-dinja. Il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq relevanti ġeografiku għall-provvista tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni huwa mifruq madwar id-dinja.

#### **4.2. Is-Suq Intermedju — Software ta' Navigazzjoni**

##### *Definizzjoni tas-suq relevanti tal-prodott*

(12) Is-software ta' navigazzjoni jikkombina l-ippożizzjonar ġeografiku minn riċevitur GPS u d-dejta minn bażi tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni biex jipprovdi funzjonalità ta' navigazzjoni. Is-software ta' navigazzjoni jikkalkula r-rotot u jipprovdi direzzjonijiet waħda wara l-oħra fil-ħin reali. Is-software ta' navigazzjoni jew jinbiegħu bħala prodott waħdu jew f'pakkett li jinkludi l-bażi tad-dejta tal-mapep. Hemm tliet tipi ewlenin ta' software ta' navigazzjoni; sistemi abbord, sistemi mhux abbord u sistemi ibridi. Il-kwistjoni dwar jekk is-swieq separati relevanti tal-prodott għandhomx jiġu definiti skont it-tip ta' software ta' navigazzjoni tħalliet miftuħa, għax it-TomTom jipprovdi biss sistemi abbord.

(<sup>1</sup>) Jekk jogħġbok innota li l-kopertura ġeografika tal-bażijiet tad-dejta diġitali hija karatteristika tal-prodott relevanti għad-definizzjoni tas-suq relevanti tal-prodott f'dan il-każ. Il-kopertura ġeografika tal-bażi tad-dejta m'għandhiex titħallat mal-firxa ġeografika tas-suq, li hija trattata separatament hawn taħt (fis-sezzjoni tad-definizzjoni tas-suq relevanti ġeografiku).

(13) Il-Kummissjoni kkunsidrat li ma jkunx xieraq li tiddefinixxi swieq separati tal-prodott skont il-formati tal-bażijiet tad-dejta li jintużaw biex id-dejta tiġi integrata mas-software ta' navigazzjoni jew skont it-tip ta' strument ta' navigazzjoni li fih huwa nstallat is-software ta' navigazzjoni.

#### *Id-definizzjoni tas-suq relevanti ġeografiku*

(14) Is-software ta' navigazzjoni huwa kkreat u distribwit madwar id-dinja u lliċenzjat lill-konsumaturi kull fejn ikun qiegħed il-konsumatur. M'hemm l-ebda differenza teknoloġika, barriera kummerċjali jew barriera legali li jistgħu jiġ-ġustifikaw firxa aktar dejqa tas-suq ġeografiku. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li s-suq relevanti ġeografiku għall-provvista ta' software ta' navigazzjoni għandu firxa dinjija.

#### **4.3. Is-Suq Downstream — PNDs**

##### *Definizzjoni tas-suq relevanti tal-prodott*

(15) Fil-preżent, jistgħu jiġu identifikati erba' tipi ewlenin ta' strumenti ta' navigazzjoni; (i) Strumenti ta' Navigazzjoni li jinġarru (PNDs), (ii) Assistenti Personali Diġitali (PDAs), (iii) telefowns ċellulari b'funzjonalità ta' navigazzjoni u (iv.) strumenti ta' navigazzjoni *in-dash*.

(16) L-investigazzjoni tas-suq mill-Kummissjoni indikat li hemm numru ta' ċirkostanzi li jiddistingwu l-PNDs minn tipi oħra ta' strumenti ta' navigazzjoni. Primarjament PND huwa strument ta' navigazzjoni filwaqt li telefown ċellulari b'kapaċità ta' navigazzjoni normalment ikollu firxa wiesgħa ta' funzjonijiet. Il-funzjonijiet differenti huma riflessi fil-prezzijiet. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-PNDs u t-telefowns ċellulari b'kapaċità ta' navigazzjoni jikkostitwixxu swieq separati relevanti tal-prodott. Għal raġunijiet simili — jiġifieri funzjonijiet differenti, prezzijiet differenti u gradi differenti ta' adattazzjoni għall-użu fil-karozzi — il-Kummissjoni kkunsidrat li l-PNDs u l-PDAs jikkostitwixxu swieq separati tal-prodott. Il-PNDs jinbiegħu u jiġu kummerċjalizzati bħala oġġetti elettroniċi normali tal-konsumatur fil-ħwienet filwaqt li s-sistemi *in-dash* huma installati minn qabel fil-karozzi l-ġodda waqt il-produzzjoni. L-istrumenti *in-dash* għandhom aktar funzjonijiet, skrijns akbar u jistgħu jiġu integrati fis-sistemi ta' sikurezza tal-karozzi. Dawn id-differenzi huma riflessi fil-prezzijiet. Il-fornituri tal-PNDs u l-istrumenti *in-dash* huma ġeneralment differenti, għalkemm uħud mill-fornituri tal-*in-dash* ippruvaw jidħlu fis-suq tal-PND. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-PNDs u l-istrumenti *in-dash* jikkostitwixxu swieq separati relevanti tal-prodott.

(17) Għall-iskopijiet ta' din id-deċiżjoni, is-suq *Downstream* relevanti tal-prodott huwa s-suq għall-forniment tal-PNDs.

## Id-definizzjoni tas-suq rilevanti ġeografiku

- (18) Il-PNDs li huma użati f'pajjiżi differenti taż-ŻEE jirrikjedu sostanzjalment l-istess hardwer u softwer biex jaħdmu. L-akbar fornituri tal-PNDs joperaw u jikkompetu għall-konsumaturi fuq il-bażi taż-ŻEE kollha. Il-biċċa l-kbira tal-marki jinbiegħu madwar iż-ŻEE u s-saħħa relattiva tal-parteċipanti l-ewlenin hija ġeneralment l-istess fil-parti l-kbira tas-swieq nazzjonali. Hemm ukoll spazju għal sostituzzjoni sinjifikanti mil-lat tal-provvista. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq ġeografiku jkopri tal-anqas iż-ŻEE kollha.

## 5. IL-KUNDIZZJONIJET TAS-SUQ

## 5.1. Bażijiet tad-Dejta tal-Mapep Diġitali għan-Navigazzjoni

## Ishma tas-Suq

- (19) Hemm żewġ fornituri ewlenin ta' bażijiet tad-dejta ta' mapep diġitali għan-navigazzjoni li jkopru pajjiżi li qegħdin fiż-ŻEE; Tele Atlas u NAVTEQ. Is-suq (swieq) għall-provvista tal-bażijiet tad-dejta ta' mapep diġitali għan-navigazzjoni li jkopri l-pajjiżi taż-ŻEE għalhekk jista' jitqies bħala duwopolju. Skont id-definizzjoni tas-suq tal-prodott, Tele Atlas għandha sehem mis-suq ta' [40 %-60 %] u NAVTEQ [40 %-60 %].

## Dħul fis-Suq

- (20) M'hemm l-ebda indikazzjoni li xi wieħed mill-fornituri preżenti tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni attivi barra iż-ŻEE qed jippjana li jidħol fis-swieq tal-bażijiet tad-dejta li jkopru l-pajjiżi taż-ŻEE. Id-dħul mill-kumpanija Amerikana Facet huwa inċert u f'kull każ mhux se jkun fil-ħin biżżejjed biex joħnoq id-dħul tal-fornituri li diġà huma preżenti. Għandu jitqies ukoll bħala improbabli wkoll id-dħul "Greenfield" permezz ta' kumpaniji li joffru applikazzjonijiet tal-mapep ibbażati fuq l-internet. Minbarra AND — li l-prodotti tagħha huma bla dubju inferjuri għal dawk ta' Tele Atlas u NAVTEQ — l-investigazzjoni tas-suq ma' fiha l-ebda indikazzjoni li xi wieħed mill-fornituri li bħalissa qed jipproduċi bażijiet tad-dejta ta' mapep diġitali mhux għan-navigazzjoni b'kopertura mal-Ewropa fi ħsiebu jaġġorna l-bażijiet tad-dejta tiegħu biex jagħmilhom navigabbli. Anke kieku kellhom il-ħsieb li jidħlu, it-tul ta' żmien sostanzjali involut sabiex wieħed jipproduċi mill-bidu nett bażi tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni li tkopri iż-ŻEE jipprevjeni kull dħul potenzjali fil-gejjenji milli jkun fil-ħin biżżejjed biex joħnoq l-imġiba kompetittiva ta' dawk li diġà huma preżenti fis-suq fil-medda qasira jew medja ta' żmien.

- (21) Filwaqt li ma jistax ikun eskluż dħul marġinali, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dħul fis-swieq tal-provvista tal-bażijiet tad-dejta ta' mapep diġitali għan-navigazzjoni b'kopertura taż-ŻEE ma jkun la fil-ħin (jiġifieri rapidu u sostnut biżżejjed) u lanqas suffiċjenti (fil-firxa u fil-kobor) biex igerrex jew jirbaħ fuq l-effetti anti-kompetittivi potenzjali tal-amalgamazzjoni.

## 5.2. Is-Softwer tan-Navigazzjoni

- (22) Tele Atlas mhix attiva fis-suq tal-provvista tas-softwer tan-navigazzjoni. Hija biss parti ċkejna mill-produttjoni tas-softwer tan-navigazzjoni ta' TomTom li hija fornuta lil partijiet terzi. Fis-suq merkantili tas-softwer tan-navigazzjoni l-akbar fornituri huma Navigon b'shem li huwa smat bħala 25 % mis-suq, Navn'Go bi 18 % u Destinator bi 15 %. Is-sehem mis-suq ta' TomTom huwa smat li huwa 6 %.
- (23) L-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni indikat li l-barrieri għad-dħul jistgħu jingħelbu. Il-maġġoranza vasta tal-manifatturi tal-PND li hađu sehem fl-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni wiegħbu li huma diġà lesti jew ikunu f'pożizzjoni li jiżviluppaw is-softwer tagħhom tan-navigazzjoni internament.

## 5.3. PNDs

## Ishma tas-Suq

Volum tal-ishma tas-suq ŻEE (unitajiet)		
	L-użi aħħarin kollha li jinġarru	PNDs
TomTom	[30-40]	[30-50]
Mio Tech & Navman	[10-20]	[10-20]
Garmin	[10-20]	[10-20]
MEDION	[0-10]	[0-10]
MyGuide	[0-5]	[0-5]

Tabella 7

## L-ishma tas-suq ŻEE skond il-valur (il-fatturat) fl-2006

Il-valur tal-ishma tas-suq ŻEE		
	L-użi aħħarin kollha li jinġarru	PNDs
TomTom	[30-50]	[30-50]
Mio Tech & Navman	[10-20]	[10-20]
Garmin	[10-20]	[10-20]
MEDION	[0-5]	[0-5]
MyGuide	[0-5]	[0-5]

## Dħul fis-Suq

- (24) In-numru kbir ħafna ta' kumpaniji li daħlu fis-suq matul l-erba' snin preċedenti jindika li l-barrieri għad-dħul mhumiex sinjifikanti. Madankollu, il-maġġoranza vasta ta' dawk li daħlu fis-suq — inklużi l-kumpaniji l-kbar bi "bwiet fondi" u dawk b'isem magħruf u f'sahntu — fallaw milli jaħtfu aktar minn sehem marġinali mis-suq u baqgħu parteċipanti minuri f'oqsma speċjalizzati.

## 6. VALUTAZZJONI

6.1. **Esklużjoni mill-akkwist ta' materja użata fil-prodott (input foreclosure) fis-Swieq tal-PND u s-Swieq tas-Softwer tan-Navigazzjoni**

(25) L-analiżi tal-*input foreclosure* twettqet skont il-Linji Gwida tal-Amalgamazzjoni Mhux Orizzontali.

*Il-ħila li teskludi*

(26) Minħabba s-sehem mis-suq ta' Tele Atlas ta' aktar minn [40-60] % u minħabba n-nuqqas ta' strateġiji kuntrarji ddettaljati hawn taħt, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-entità amalgamata tgawdi minn grad sinjifikanti ta' qawwa fis-suq fis-suq *upstream*, li hija prekundizzjoni għall-ħila tal-esklużjoni tal-kompetituri skont il-Linji Gwida tal-Amalgamazzjoni Mhux Orizzontali.

(27) Għalkemm il-bażijiet tad-dejta tal-mapep diġitali jiffurmaw biss sehem relattivament limitat mill-prezz ta' PND, huma jikkostitwixxu komponent kritiku li mingħajru l-PNDs ma jistgħux jaqdu l-funzjoni tagħhom.

(28) Il-Kummissjoni qieset jekk hemmx strateġiji kuntrarji effettivi u f'inhom li jistgħu li jistgħu jiġu użati minn kumpaniji rivali fis-suq tal- PND.

(29) NAVTEQ xorta tkun tista' tikkompeti ma' Tele Atlas wara l-amalgamazzjoni u b'hekk tillimita l-ħila ta' Tele Atlas li teskludi l-kompetituri tagħha. Mandankollu, milli jidher l-aħjar reazzjoni ta' NAVTEQ għal żieda fil-prezzijiet minn Tele Atlas tkun li hija wkoll tgħolli l-prezzijiet, li potenzjalment jista' jisaħħaħ l-effett ta' strateġija ta' esklużjoni mill-entità amalgamata fuq is-suq *downstream*.

(30) Mhux probabbli li d-dħul se jipprovi strateġija kuntrarja effettiva u f'waqtha li tikkonstrinġi l-ħila tal-entità amalgamata li teskludi l-kompetituri *downstream* tagħha. Kif intqal hawn fuq il-Kummissjoni qieset li mhux probabbli li fornitur ġdid tal-bażijiet tad-dejta jibni bażi tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni bl-istess livell ta' koperatura u kwalità daqs it-Tele Atlas jew in-NAVTEQ u jipprovi l-giem f'waqt fuq l-entità amalgamata.

(31) Limitu ieħor fuq il-ħila ta' Tele Atlas li żżid il-prezzijiet jew tiddegrada l-kwalità jista' jkun provdut minn intermedjarji li għandhom liċenzja minn Tele Atlas jew NAVTEQ biex jissupplixxu l-bażi tad-dejta tal-mapep flimkien mas-softwer tan-navigazzjoni tagħhom. Intermedjarji bħal dawn jikkostitwixxu l-giem effettiv biss jekk ikunu huma stess protetti minn żidiet fil-prezzijiet u degradazzjoni tal-kwalità.

(32) Il-ħila ta' Tele Atlas li teskludi l-kompetituri *downstream* tagħha hija limitata bil-kuntratt li jorbot għal perjodu twil li Garmin ikkonkluda ma' NAVTEQ, li jipproteġi lil Garmin mill-anqas sa [...]. Ladarba Garmin jirrappreżenta anqas minn [10-20] % tas-suq tal-PND, anke jekk wieħed iqis ukoll il-protezzjoni ta' Garmin, il-ħila tal-entità amalgamata ta' esklużjoni xorta taffettwa aktar minn żewġ terzi tal-bejgħ tal-kompetituri *downstream* ta' TomTom. Jekk wie-

ħed iqis li [il-Manifattur tal-Istrument tan-Navigazzjoni] u [il-Fornitur tas-Softwer tan-Navigazzjoni] huma wkoll parzjalment protetti, madwar nofs is-suq jista' jkun possibbilment effettwat minn strateġija ta' esklużjoni.

(33) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-entità amalgamata x'aktarx ikollha l-ħila li żżid il-prezzijiet jew tiddegrada l-kwalità/iddewwem l-aċċess għal uħud mill-manifatturi tal-PNDs u fornituri tas-softwer tan-navigazzjoni li jikkompetu ma' TomTom.

*L-inċentiv li teskludi*

(34) Wara l-amalgamazzjoni, TomTom/Tele Atlas se tqis kif il-bejgħ tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep lill-kompetituri ta' Tom Tom se jaffettwa l-profitti tagħha mhux biss fis-suq *upstream* imma wkoll f'dak *downstream*. L-entità amalgamata tiffaċċja għażla ta' kompromess bejn il-profitt mitluf fis-suq *upstream* u l-profitt miksub fis-suq *downstream* billi tgħolli l-ispejjeż tar-rivali tagħha.

(35) Għar-raġunijiet deskritti hawn taħt, Tele Atlas x'aktarx tiffaċċja bejgħ sinjifikanti li jmur għand NAVTEQ jekk tgħolli l-prezzijiet *upstream* jew jekk tiddegrada l-kwalità tal-bażi tad-dejta tal-mapep/iddewwem id-disponibbiltà tal-aġġornamenti, filwaqt li l-benefiċċji għall-kompetituri ta' TomTom miż-żieda fil-prezzijiet tal-bażijiet tad-dejta x'aktarx ikunu relattivament limitati.

(36) L-ewwel, ladarba l-bażijiet tad-dejta tal-mapep bħala medja jammontaw għal anqas minn 10 % tal-prezz bl-ingrossa tal-PND, il-prezzijiet tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep ikunu jridu jiżiedu sostanzjalment biex ikollhom effett fuq il-prezzijiet tas-suq *downstream* tal-PND u jippermettu lill-entità amalgamata biex taħtaf ammont sinjifikanti mill-bejgħ fis-suq *downstream*. It-tieni, jidher li tal-anqas xi fornituri tal-PND isibuha bi tqila biex jitransferixxu żieda fil-prezzijiet tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep għall-prezz tal-PND, trasferiment li jkompli jnaqqas kwalunkwe effett fuq il-prezzijiet tal-PND. It-tielet, il-protezzjoni ta' Garmin mill-esklużjoni minħabba l-kuntratt li għandha għal medda twila ta' żmien ma' NAVTEQ se tillimita l-profitti li TomTom jista' jaqla' mis-suq *downstream* jekk jieħu sehem fi strateġija ta' *input foreclosure*. Ir-raba', l-ispejjeż involuti fil-bidla tal-fornitur (fis-suq *upstream* jistgħu jingħelbu. Bħala riżultat, Tele Atlas jitlef ammont sinjifikanti mill-bejgħ lill-NAVTEQ jekk iżid il-prezzijiet tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep, jiddegrada l-kwalità tagħhom jew idewwem id-disponibbiltà tal-aġġornamenti. Fl-aħħar, id-degradazzjoni tal-kwalità tapplika biss għall-konsumaturi ta' Tele Atlas, ladarba NAVTEQ x'aktarx tibqa' tipprovi bażijiet tad-dejta tal-mapep ta' kwalità tajba lill-manifatturi kollha tal-PND b'mod mhux diskriminatorju. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li d-degradazzjoni tal-kwalità tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep tkun anqas profitabbli għall-entità amalgamata milli żieda fil-prezz għaliex, għal kuntrarju ta' żieda fil-prezz, id-degradazzjoni tal-kwalità, ma ggibix marġni akbar għall-bażijiet tad-dejta tal-mapep li Tele Atlas tibqa' tbigħ *upstream*.

- (37) Sabiex wieħed ikejjel il-kompromess *upstream/downstream*, il-Kummissjoni fasslet stima ekonometrika tal-elastiċità tal-prezzijiet *downstream* biex tkejjel il-bejgħ li entità amalgamata tista' taħtaf jekk iżżid il-prezzijiet tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep għall-kompetituri *downstream* ta' TomTom.
- (38) L-ewwel il-Kummissjoni eżaminat kemm hi possibbli strateġija ta' *input foreclosure* totali. Kieku l-entità amalgamata kellha tiegħ mill-bejgħ tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep, hi titef il-profitti kollha tagħha fuq il-bażijiet tad-dejta tal-mapep imma tkun tista' biss tirkupra l-profitti fuq il-bejgħ *downstream* li tkun kapaċi taħtaf. Biex strateġija ta' esklużjoni totali tkun profitabbli għal Tele Atlas, hija jkollha tirkupra biżżejjed profitti *downstream* sabiex tkun tista' tikkompensa mill-anqas għal-profitti mitlufa fuq il-bażijiet tad-dejta tal-mapep. Minħabba li l-prezzijiet tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep jirrappreżentaw proporzjon relattivament żgħir mill-prezz tal-istrumenti tal-PND, u minħabba l-istimi tal-elastiċità, l-analiżi tal-Kummissjoni indikat li jkun neċessarju għal NAVTEQ li żżid il-prezzijiet b'ammont sostanzjali ħafna biex tiżgura li strateġija ta' *input foreclosure* tħalli profitt għall-entità amalgamata. Fil-fatt, il-Kummissjoni kkalkulat li jekk NAVTEQ ma żżidx il-prezzijiet b'perċentwali ta' ħafna mijiet, strateġija ta' *input foreclosure* totali ma tkunx profitabbli għal Tele Atlas.
- (39) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll kemm hi possibbli strateġija ta' *input foreclosure* parzjali. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-entità amalgamata tkun tista' taħtaf ammont relattivament limitat ta' bejgħ *downstream* biss jekk iżżid il-prezzijiet tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep lill-kompetituri ta' TomTom, li jimplika li l-inċentiv tal-esklużjoni tal-kompetituri jkun limitat. L-analiżi sussegwenti tal-Kummissjoni fuq is-sensittività kkonferma l-konklużjoni li kwalunkwe żieda sinjifikanti fil-prezzijiet ma tkunx profitabbli għall-entità amalgamata. Ir-riżultat ta' dan it-test sempliċi ta' profitt jindika li kwalunkwe żieda fil-prezz li jkollha impatt mhux żgħir fuq is-suq *downstream* ma tkunx profitabbli għall-entità amalgamata minħabba li l-gwadann *downstream* ma jkunx biżżejjed biex jikkompensa għat-telf *upstream*.
- (40) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-entità amalgamata ma jkollha l-ebda inċentiv biex iżżid il-prezzijiet b'mod li jwassal għal effetti kontra l-kompetizzjoni fis-suq *downstream* għall-PNDs. Strateġija ta' *input foreclosure* fis-suq tas-software tan-navigazzjoni tidher li hija anqas u anqas possibbli, b'mod partikolari fid-dawl tal-preżenza iżjed limitata ta' TomTom f'dan is-suq u l-profitti aktar baxxi li jkunu jistgħu isiru fis-suq tas-software.

#### L-effetti fis-Suq *downstream*

- (41) L-istess fatturi kwalitattivi li spejgaw in-nuqqas ta' inċentiv biex issir esklużjoni parzjali jwasslu wkoll għal nuqqas ta' effetti. Pereżempju, is-sehem żgħir tal-bażi tad-dejta tal-mapep fil-prezz tal-PND, l-evidenza rigward il-*pass-through* limitat, l-ispejjeż limitati involuti fil-bidla tal-fornitur (*switching costs*) u l-kompetizzjoni man-NAVTEQ kollha għandhom it-tendenza li jillimitaw iż-żieda fil-prezz li tista' tiġi imposta minn Tele Atlas fuq il-kompetituri ta' TomTom. Il-fatt li Garmin hija protetta kontra ż-żieda fil-prezzijiet permezz tal-kuntratt li għandha għal medda twil ta' żmien

ma' NAVTEQ, jillimita aktar l-effetti possibbli ta' esklużjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li t-tranżazzjoni proposta mhix se twassal għal xi dannu kontra l-kompetizzjoni fis-suq *downstream*.

- (42) L-impatt globali tat-tranżazzjoni se jġarrab ukoll l-impatt tal-effiċjenzi li x'aktarx iġġib magħha l-amalgamazzjoni. Il-Kummissjoni stmat l-impatt ġenerali tal-eliminazzjoni tal-marġinalizzazzjoni doppja permezz tal-kumpanija integrata kif ukoll effiċjenzi oħra bħall-produzzjoni ta' mapep aħjar u aktar veloċi bl-użu ta' *trace data* u dejta mis-segwitu mingħand TomTom. Dawn l-effiċjenzi saħħew il-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta mhix se twassal għal xi dannu kontra l-kompetizzjoni.

#### 6.2. L-Aċċess tal-Entità Amalgamata għal Informazzjoni Kunfidenzjali fis-Suq tal-PNDs

- (43) It-tassib dwar il-kunfidenzjalità kif espress minn partijiet terzi, huwa bbażat fuq il-premessa li l-klijenti ta' Tele Atlas għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet futuri tagħhom mal-fornitur tagħhom tal-mapep. Il-kuntratti preżenti ma jobbligawx lill-konsumaturi jgħaddu informazzjoni bħal din dwar il-kondotta futura ta' Tele Atlas. Madankollu, il-konsumaturi għaddew b'mod volontarju informazzjoni dwar l-istimi tal-bejgħ futur tagħhom, pjaniet dwar il-prodott u karatteristiċi ġodda inklużi fl-aħħar verżjonijiet tal-istrumenti tagħhom.
- (44) Il-partijiet ippreżentaw evidenza konvinċenti li turi li dawn l-iskambji huma limitati u li jistgħu saħansitra jitnaqqsu wara l-amalgamazzjoni mingħajr detriment għall-klijenti ta' Tele Atlas, li kieku dawn il-klijenti jkunu mħassbin dwar l-użu li l-entità amalgamata tkun tista' tagħmel mill-informazzjoni skambjata.
- (45) L-investigazzjoni tas-suq uriet li l-klijenti jistgħu jevitaw li jiddiskutu t-tbassir dwar il-bejgħ ma' Tele Atlas. Il-klijenti l-ġodda jistgħu jaqblu dwar rekwiżit minimu ta' xiri u għalhekk jevitaw li jiżvelaw informazzjoni sensitiva dwar bejgħ futur.
- (46) Informazzjoni dwar karatteristiċi addizzjonali li jkunu se jiġu inklużi fi prodotti futuri m'għandhomx għalfejn jgħaddu għand TomTom. L-ewwel, il-livelli addizzjonali huma pprovduti min-numru ta' kumpaniji iżgħar. Fornituri alternattivi għalhekk jistgħu ikunu sors tajjeb għal karatteristiċi addizzjonali għal kumpaniji mħassbin dwar il-kunfidenzjalità. It-tieni, il-klijenti xi drabi jagħmlu kuntatt ma' fornituri tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep biex jinkoraġġu-hom jinvestu f'karatteristiċi ġodda jew jestendu l-kopertura tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep tagħhom. Madankollu, Tele Atlas ma tibbażax id-deċizzjonijiet dwar l-investment tagħha fuq talbiet minn kumpaniji individwali. Deċizzjoni biex tinvesti f'karatteristiċi ġodda jew kopertura ġeografika ġdida tittieħed wara konsultazzjonijiet mal-akbar konsumaturi bl-implikazzjoni li l-biċċa l-kbira tal-ideat relatati mal-kontenut il-ġdid huma kkomunikati lil konsumaturi oħra (inkluż TomTom) qabel id-deċizzjonijiet dwar l-investment. Ladarba tiġi żviluppata karatteristika ġdida, tkun offruta lill-klijenti kollha ta' Tele Atlas fl-istess żmien.

- (47) L-informazzjoni kunfidenzjali skambjata waqt il-konsultazzjonijiet tekniċi ma' Tele Atlas tista' possibilmment tgħaddi għand TomTom. Madankollu, sa fejn hi kkonċernata l-inkorporazzjoni tal-livelli addizzjonali, Tele Atlas tipprova lill-klijenti tagħha bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha għal dan il-għan. Il-problemi tekniċi li jistgħu jissolvew biss minn Tele Atlas huma rari ħafna.
- (48) Wara l-amalgamazzjoni, Tele Atlas ikun għad fadlilha inċentivi biex tipprevjeni li l-klijenti tagħha jitolqu għand NAVTEQ minħabba tħassib dwar il-kunfidenzjalità għaliex it-telf ta' klijent ma jkunx ikkompensat bi gwadann *downstream* addizzjonali suffiċjenti anke jekk NAVTEQ iżżid il-prezzijiet b'mod sinjifikanti. Barra minn hekk, it-tħassib dwar il-kunfidenzjalità jista' jirriżulta fi ħsara għar-reputazzjoni ta' Tele Atlas li tikkawża ħsara lin-negozju fil-bażijiet tad-dejta tal-mapep tal-kumpanija amalgamata. Minħabba n-nuqqas ta' inċentivi għall-partijiet li jidħlu għal *input foreclosure*, x'aktarx il-partijiet jirreaġixxu għal tħassib possibbli dwar il-kunfidenzjalità, pereżempju billi joffru lill-konsumaturi kundizzjonijiet li jagħmluhielhom diffiċli biex jaqilbu għal ma' NAVTEQ.
- (49) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li mhux probabbli li t-tranżazzjoni proposta se tkun ta' impediment sinjifikanti għal kompetizzjoni effettiva minħabba tħassib dwar il-kunfidenzjalità.

### 6.3. Effetti kkoordinati

- (50) Bħalissa m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' koordinazzjoni bejn Tele Atlas u NAVTEQ. Għal kuntrarju, ir-riżultati tal-

investigazzjoni tas-suq jindikaw li, qabel l-amalgamazzjoni, Tele Atlas u NAVTEQ ikkompetew kemm fl-aspetti tal-prezz u kemm fuq dawk mhux tal-prezz. Mhux probabbli li jkun hemm koordinazzjoni effettiva fis-suq tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep diġitali għan-navigazzjoni. Se tkun diffiċli l-koordinazzjoni dwar il-prezzijiet għaliex il-prezzijiet tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep mhumiex trasparenti u l-allokazzjoni tal-konsumaturi se tkun diffiċli fis-suq tal-PND, fejn id-daqs relattiv tal-manifatturi tal-PND huwa 'l bogħod minn stabbli u fejn daħlu ħafna kumpaniji mill-2004 sal-lum. Jidher improbabli wkoll li jistgħu jiġu stabbiliti sorveljar effettiv u mekkaniżmi ta' deterrenti fid-dawl tal-karatteristiċi eżistenti tas-suq. Fl-aħħar, m'hemmx evidenza ċara li l-integrazzjoni vertikali ta' TomTom u Tele Atlas tista' iżżid l-ambitu tal-koordinazzjoni bejn il-produtturi tal-bażijiet tad-dejta tal-mapep.

- (51) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li mhux probabbli li l-operazzjoni proposta twassal għal effetti kontra l-kompetizzjoni permezz ta' koordinazzjoni.

### 7. KONKLUŻJONI

- (52) Il-Kummissjoni ikkonkludiet li l-konċentrazzjoni proposta mhux se twassal għal xi tħassib dwar kompetizzjoni li bħala riżultat jimpedixxi b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-Suq Komuni jew fparti sostanzjali minnu. Għalhekk, il-Kummissjoni ddikjarat il-konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-Suq Komuni u l-Ftehim taż-ŻEE, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.



## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 88/378/KEE tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ġugarelli**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati taħt id-direttiva)

(2008/C 237/13)

ESO <sup>(1)</sup>	Referenza u titlu ta' l-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza)	Referenza ta' l-istandard li għe sostitwit	Data tal-waqfa tal-presunzjoni tal-konformità ta' l-istandard li għe sostitwit (Nota 1)	Data ta' l-ewwel publikazzjoni
CEN	EN 71-1:2005+A6:2008 <sup>(2)</sup> Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 1: Propjetajiet mekkaniċi u fiżiċi	EN 71-1:2005 +A4:2007	30.11.2008	Din hi l-ewwel publikazzjoni
CEN	EN 71-2:2006+A1:2007 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 2: Kapaċità li jieħdu n-nar malajr	EN 71-2:2006	Id-data ta' din il-publikazzjoni	Din hi l-ewwel publikazzjoni
CEN	EN 71-3:1994 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 3: Migrazzjoni ta' ċerti elementi	EN 71-3:1988	Data skaduta (30.6.1995)	12.10.1995
	EN 71-3:1994/A1:2000	Nota 3	Data skaduta (31.10.2000)	14.9.2001
	EN 71-3:1994/A1:2000/AC:2000			8.8.2002
	EN 71-3:1994/AC:2002			15.3.2003
CEN	EN 71-4:1990 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 4: Settijiet għal esperimenti għal attivitajiet ta' kimika u attivitajiet relatati	—		9.2.1991
	EN 71-4:1990/A1:1998	Nota 3	Data skaduta (31.10.1998)	5.9.1998
	EN 71-4:1990/A2:2003	Nota 3	Data skaduta (31.1.2004)	9.12.2003
	EN 71-4:1990/A3:2007	Nota 3	Data skaduta (30.11.2007)	4.10.2007
CEN	EN 71-5:1993 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 5: Ġugarelli ta' natura kimika (settijiet) minbarra settijiet għal esperimenti	—		1.9.1993
	EN 71-5:1993/A1:2006	Nota 3	Data skaduta (31.7.2006)	31.5.2006

ESO <sup>(1)</sup>	Referenza u titlu ta' l-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza)	Referenza ta' l-istandard li għe sostitwit	Data tal-waqfa tal-presunzjoni tal-konformità ta' l-istandard li għe sostitwit (Nota 1)	Data ta' l-ewwel pubblikazzjoni
CEN	EN 71-6:1994 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 6: Simboli grafiċi għal tikketti li jwissu dwar l-età	—		22.6.1995
CEN	EN 71-7:2002 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 7: Żebgħat li jitpinġew bis-swaba' — Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar	—		15.3.2003
CEN	EN 71-8:2003 Sigurtà tal-ġugarelli — Parti 8: Bandli, żrieraq u loġħob għal attivitajiet simili biex jintużaw mill-familja fid-dar jew fil-beraħ	—		9.12.2003
	EN 71-8:2003/A1:2006	Nota 3	Data skaduta (30.11.2006)	26.10.2006
Cenelec	EN 62115:2005 Ġugarelli elettriċi — Sigurtà (IEC 62115:2003 + A1:2004 (Modifikat))	EN 50088:1996 u l-emendi tiegħu Nota 2	Data skaduta (1.1.2008)	8.3.2006

(<sup>1</sup>) ESO: Organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-Istandardizzar:

— CEN: rue de Stassart 36, B-1050 Brussels, Tel.(32-2) 550 08 11; fax (32-2) 550 08 19 (<http://www.cen.eu>),

— Cenelec: rue de Stassart 35, B-1050 Brussels, Tel.(32-2) 519 68 71; fax (32-2) 519 69 19 (<http://www.cenelec.eu>),

— ETSI: 650, route des Lucioles, F-06921 Sophia Antipolis, Tel.(33) 492 94 42 00; fax (33) 493 65 47 16 (<http://www.etsi.eu>).

(<sup>2</sup>) Avviż: "Fil-każ tal-ġugarelli li għandhom missila bid-diska tal-lastku għall-impatt, il-kondizzjonijiet stipulati fil-klawżola 4.17.1 (b), skond liema it-test tat-tensjoni jsir skond il-klawżola 8.4.2.3, ma jkoprix ir-riskju ta' fgar ippreżentat minn dawn il-ġugarelli". Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/224/KE (ĠU L 96, 11.4.2007, p. 18).

Nota 1 Ġeneralment id-data ta' waqfa tal-preżunzjoni ta' konformità tkun id-data tar-revoka ("dow"), stabbilita mill-Organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-Istandardizzar, iżda l-utenti għandhom jinnotaw li f' ċerti każijiet eċċezzjonali dan jista' jkun mod ieħor.

Nota 2 L-istandard il-ġdid (jew emendat) għandu l-istess għan bħall-istandard li għe sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li għe sostitwit, jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva.

Nota 3 F' każ ta' emendi, l-istandard ta' referenza huwa EN CCCC:YYYY, l-emendi preċedenti tiegħu, jekk kien hemm, u l-emenda l-ġdida kkwotata. Għalhekk l-istandard li għe sostitwit (kolonna 3) jikkonsisti f' EN CCCC:YYYY u l-emendi preċedenti tiegħu, jekk kien hemm, iżda mingħajr l-emenda l-ġdida kkwotata. Fid-data speċifikata, l-istandard li għe sostitwit jieqaf milli jagħti l-preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet essenzjali tad-direttiva.

#### NOTA:

— Kwalunkwe informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' l-istandards tista' tinkiseb jew mill-Organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-Istandardizzar jew mill-korpi nazzjonali ta' l-istandardizzar li l-lista tagħhom hija annessa mad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>1</sup>) emendata mid-Direttiva 98/48/KE (<sup>2</sup>).

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ma timplikax li l-istandards huma disponibbli fil-lingwi kollha tal-Komunità.

— Din il-lista tiegħu post il-listi kollha preċedenti pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

Aktar informazzjoni dwar standards armonizzati tinstab fl-Internet f'

<http://ec.europa.eu/enterprise/newapproach/standardization/harmstds/>

(<sup>1</sup>) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

(<sup>2</sup>) ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18.

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL  
(EPSO)

## AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI EPSO/AST/72/08

(2008/C 237/14)

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza l-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AST/72/08 għar-reklutaġġ ta' Assistenti (AST3) fil-qasam tal-produzzjoni tal-pubblikazzjoniet bħala qarreja tal-provi tal-lingwa Olandiża għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoniet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (OPOCE) fil-Lussemburgu u/jew fl-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

L-avviż tal-kompetizzjoni huwa ppubblikat biss bl-Olandiż fil-Ġurnal Uffiċjali C 237 A tas-16 ta' Settembru 2008.

Għal iktar informazzjoni kkonsulta s-sit ta' l-EPSO: <http://europa.eu/epsa>

---

# AĠENZJA EWROPEA DWAR IL-MEDIĊINI

## Reklutaġġ għall-Aġenzja Ewropea dwar il-Mediċini (Londra)

(2008/C 237/15)

L-Aġenzja hija responsabbli għall-koordinazzjoni tal-valutazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarju fl-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 726/2004, ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1). L-EMEA ġiet imwaqqfa f'Jannar ta' l-1995. Hija għanda ħafna kuntatti mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, is-27 Stat Membru ta' l-UE, il-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA u ħafna gruppi oħra fis-settur pubbliku u privat.

Aktar informazzjoni dwar l-EMEA u l-attivitajiet tagħha hija disponibbli permezz ta' l-Internet; l-indirizz tal-website tagħna huwa <http://www.emea.europa.eu>

L-Aġenzja Ewropea għall-Mediċini qed torganizza proċeduri ta' selezzjoni bl-għan li titfassal lista ta' riserva għal:

### EMEA/AD/271 — Kap tas-Settur, Kapaċità tar-Reviżjoni Interna tal-Kontijiet (AD9)

Kandidati magħżula jtniżżlu fuq lista ta' riżerva u, skond is-sitwazzjoni finanzjarja, jista' jiġi offert lilhom kuntratt bħala Aġent Temporanju ta' ħames snin, li jista' jiġġedded, konformi mal-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieġ ta' Impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968).

Il-post ta' l-impjieġ ikun Londra.

Il-kandidati għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej, jew ta' l-Islanda, n-Norveġja jew il-Liechtenstein, u jgawdu mid-drittijiet kollha bħala ċittadini.

**Il-kundizzjonijiet kollha u d-deskrizzjoni ta' l-impjieġ għandhom jtniżżlu mill-website ta' l-EMEA:**

**<http://www.emea.europa.eu/htms/general/admin/recruit/recruitnew.htm>**

**L-applikazzjonijiet iridu jsiru b'mod elettroniku permezz tal-formola disponibbli fuq il-website ta' l-EMEA. Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux iktar tard minn nofsillejl tat-28 ta' Ottubru 2008.**

**Jekk jogħġbok żomm f'moħħok illi minħabba fin-numru kbir ta' applikazzjonijiet li tirċievi l-EMEA, meta jasal iż-żmien ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, is-sistema jista' jinqalalha problemi biex tiproċessa ammonti kbar ta' data. Għaldaqstant, huwa rakkomandabbli li min japplika jibgħat l-applikazzjoni tiegħu ferm aktar qabel mid-data perentorja.**

Jekk tixtieq tirċievi notifika ta' pubblikazzjonijiet ta' postijiet battála b'mod elettroniku, jekk jogħġbok irreġistra online fuq <http://www.emea.europa.eu/> taħt "Online Mailing Service".

## PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

### KUMMISSJONI

#### **Avviż ta' tnedija ta' revizzjoni parzjali interim tal-miżuri tal-anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrun ħelu fi granelli ppreparat jew ippreżervat li joriġinaw fit-Tajlandja**

(2008/C 237/16)

Il-Kummissjoni ddeċidiet b'inizjattiva tagħha stess, li tnedi revizzjoni parzjali interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku")<sup>(1)</sup>. Ir-reviżjoni hija limitata fl-ambitu għall-investigazzjoni tal-forma tal-miżura u partikolarment, għall-investigazzjoni ta' aċċettabilità ta' garanziji offruti minn ċerti produttori esportaturi fit-Tajlandja.

#### 1. Il-prodott

Il-prodott analizzat huwa qamħirrun ħelu (*Zea mays var. saccharata*) fi granelli, ippreparat jew ippreżervat permezz tal-hall jew tal-aċtu aċetiku, mhux iffriżat, normalment iddikjarati fil-kodiċi NM ex 2001 90 30, u qamħirrun ħelu (*Zea mays var. saccharata*) fi granelli, ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-hall jew bl-aċtu aċetiku, mhux iffriżat, ħlief prodotti oħra bl-intestatura 2006, li huma normalment iddikjarati fil-kodiċi NM ex 2005 80 00, li joriġinaw mit-Tajlandja. Dawn il-kodiċi NM qed jingħataw biss bħala informazzjoni.

#### 2. Il-miżuri attwali

Il-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ huma dazju definittiv tal-anti-dumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 682/2007<sup>(2)</sup> dwar importazzjoni ta' ċertu qamħ ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat u li joriġina mit-Tajlandja. Il-garanziji tal-prezzijiet kienu aċċettati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/424/KE<sup>(3)</sup>.

#### 3. Ir-raġunijiet għar-reviżjoni

Il-Kummissjoni tqisha bħala neċessarja li tivvaluta mill-ġdid l-adeqgatezza li taċċetta garanziji bbażati fuq prezz minimu fiss ta' importazzjoni bħala forma ta' miżura, b'mod partikolari fidawl tal-volatilità ta' prezzijiet ta' kemm il-prodott ikkonċernat kif ukoll il-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.

Il-valutazzjoni mill-ġdid tidher li hija neċessarja, minħabba li l-varjazzjonijiet imsemmija hawn fuq jidher li għandhom tendenza li jiżiedu biż-żmien u b'mod partikolari mindu seħħ il-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni, li jindika li ċ-ċirkustanzi li servew bħala bażi li fuqha ġew stabbiliti l-miżuri nbidlu b'mod sinifikanti u li dawn il-bidliet kienu ta' natura dejjiema.

Għalhekk, jistħoqq li ssir it-tnedija ta' revizzjoni parzjali interim, limitata għall-forma tal-miżura.

#### 4. Il-proċedura

Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika t-tnedija ta' revizzjoni parzjali interim, il-Kummissjoni permezz ta' dan ta' hawnhekk qiegħda tnedi revizzjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitat fl-ambitu għall-investigazzjoni tal-forma tal-miżura.

##### (a) Il-kwestjonarji

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-produtturi tal-Komunità, lill-produtturi esportaturi fir-Tajlandja u lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur ikkonċernat. Dan it-tagħrif u l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fiż-żmien preskritt stipulat fil-punt 5 (a).

##### (b) Il-ġbir ta' tagħrif u s-smiġh ta' seduti

Il-partijiet kollha interessati qeġħdin permezz ta' dan ta' hawn jiġu mistiedna jressqu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw tagħrif inkluż tagħrif barra mit-tweġibiet għall-kwestjonarju, u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Dan it-tagħrif u d-dokumenti ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fiż-żmien preskritt stipulat fil-punt 5(a).

<sup>(1)</sup> ĠUL 56, 6.3.1996, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUL 159, 20.6.2007, p. 14.

<sup>(3)</sup> ĠUL 159, 20.6.2007, p. 42.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li dawn jagħmlu talba fejn juru li hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu. Din it-talba għandha ssir fiż-żmien stabbilit fil-punt 5(b).

## 5. Iż-żmien preskritt

- (a) *Biex il-partijiet jippreżentaw ruħhom, biex jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju u kull tagħrif ieħor*

Il-partijiet interessati kollha, jekk ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom għandhom jitqiesu matul l-investigazzjoni, għandhom jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, jippreżentaw il-fehmiet tagħhom u jressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kwalunkwe tagħrif ieħor fi żmien 40 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Ta' min jinnota li l-eżerċitar tal-biċċa l-kbira tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependi mill-parti li tippreżenta ruħha matul il-perjodu msemmi qabel.

- (b) *Is-seduti*

Il-partijiet interessati kollha jistgħu wkoll japplikaw biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess żmien preskritt ta' 40 jum.

## 6. Il-preżentazzjonijiet bil-miktub, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza

Il-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati jridu jsiru bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-fax tal-parti interessata. Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan l-avviż, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza mogħtija minn partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati bħala "*Limitat*"<sup>(1)</sup> u, konformi mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandhom ikunu akkumpanjati b'verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "*Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati*".

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission  
Directorate General for Trade  
Directorate H  
Office: J-79 4/23  
B-1049 Brussels  
Fax (32-2) 295 65 05

## 7. In-nuqqas ta' kooperazzjoni

Fkażi fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess fiż-żmien preskritt għal tagħrif meħtieġ jew ma tipprovdi it-tagħrif meħtieġ, jew b'mod sinifikanti tfixkel l-investigazzjoni, is-sejbiet provviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif għandu jitwarrab u għandhom jintużaw il-fatti disponibbli. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet għalhekk jissejnsu fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkoopera.

## 8. L-iskeda tal-investigazzjoni

L-investigazzjoni għandha tiġi konkluża, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku, fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## 9. L-ipproċessar ta' dejta personali

Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta<sup>(2)</sup>.

## 10. L-Uffiċjal għas-Smigħ

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Smigħ tad-DĠ Kummerċ. Huwa jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn hemm bżonn, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-protezzjoni tal-interessi tagħhom f'dan il-proċediment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament tal-preżentazzjonijiet tal-fehmiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal għas-Smigħ fuq il-websajt tad-DĠ Kummerċ (<http://ec.europa.eu/trade>).

(1) Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim tal-Anti-dumping).

(2) ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.

PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-  
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

**Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.5252 — Hombergh-De Pundert/RSDB)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 237/17)

(Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004)

Fil-5 ta' Awwissu 2008 il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej irċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta bejn Hombergh-De Pundert u RSDB. Fit-8 ta' Settembru 2008, il-partijiet notifikanti infurmaw lill-Kummissjoni li huma kienu qed jirtiraw in-notifika.

---